# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Joseph Xerri]

vs

Redienne Rizzo

Kumpilazzjoni Numru: 9/21

Illum, 25 ta' Mejju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Redienne Rizzo detentrici tal-karta tal-identita` numru 0560588M akkuzata talli nhar id-dsatax (19)

ta' Jannar 2020 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (0330hrs) u l-hinijiet ta' qabel gewwa l-istabbiliment Havana, fi Triq San Gorg, f'San Giljan:

1. Ikkommettiet serq ta' diversi oggetti ghad-dannu ta' Janica Vassallo u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', bil-'persuna' u bil-'hin';
   *Artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268(c), 270, 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Kif ukoll talli nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2020 kif ukoll fil-granet u x-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

2. Xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat;
   *Artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Kif ukoll talli nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2020 u l-jiem ta' qabel gewwa l-fond Rose, Flat 1, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara:

3. Kellha fil-pussess taghha l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha;

   *Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 261(c)(d)(f), 267, 268(c), 270, 279(b), 280(1), 281(b), 334(a) tal-Kap. 9 u 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija u stante li kkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-fedina penali hija wahda netta qed issib lill-imputata Redienne Rizzo hatja tal-akkuzi u stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal sentejn (2) u liema ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputata Redienne Rizzo r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**